**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 3303/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Publius Magro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Publius Magro**, iben Vincent u Jane nee Balzan, imwieled Floriana, Malta fit-tnejn (2) ta' Frar tal-elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) u residenti 152, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 168651(M) fejn huwa ġie akkużat talli nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2023 għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin għaxra ta' wara nofsinhar (13:50hrs) fi Triq Ħal-Luqa,

Santa Luċija huwa saq vettura numru IAH 628 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan bi ksur tal-artiklu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mili żżomm jew jkollha liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2023 bejn is-siegħa u nofs (13.30hrs) u s-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.30hrs), il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu *road check* fuq il-vetturi permezz ta' mandat maħrauġ mill-Ispettur M. Cremona. Tul dan ir-*road check*, l-akkużat kien twaqqaf waqt li huwa kien qed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAH 628 tal-għamla Volkswagen Beetle. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija irriżulta li l-akkużat kellu l-liċenzja tas-sewqan skaduta u li din kienet ilha skaduta sa mis-sena 2021. Il-Pulizija għalhekk ipproċedew kontra l-istess akkużat minħabba dan l-allegat nuqqas.

Mill-affidavit ta' PS 831 Jonathan Bordieri irriżulta li l-akkużat twaqqaf mill-Pulizija fit-tlieta (3) ta' Settembru 2023 waqt li huwa kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAH 628. Huwa ġie identifikat fuq il-post mill-Pulizija. Eventwalment huwa kien anke mar l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal il-Ġdid fejn huwa kien ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija dwar l-akkadut. Dan wara li kien irrinunzja għad-drittijiet legali tiegħu.

Mill-affidavit ta' Kenneth Pace irriżulta li fit-tlieta (3) ta' Settembru 2023 u ċioe d-data ta' meta twaqqaf mill-Pulizija, Publius Magro ma kellux liċenzja tas-sewqan valida peress li din kienet skaditlu fit-tnejn (2) ta' Frar 2021. Kienet ġiet imġedda biss fis-sebgħa (7) ta' Settembru 2023 u ċioe erbat (4) ijiem biss wara li huwa kien imwaqqaf fir-*road check* li wasslu għal dawn il-proċeduri.

Id-difiża tilqa' għal dan kollu permezz ta' żewġ argumenti ta' indoli legali:

(a) Fl-ewwel lok tallega li fil-każ in diżamina issib applikazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***The Police vs Pietro Pecchioni*** (Appell Numru 376/2023) deċiża fid-disgħa (9) ta' April 2024. Għar-rigward din id-difiża l-Qorti mill-ewwel tgħid li ma taqbilx għar-raġuni li f'dik il-kawża il-kwistjoni **kienet tirrelata għar-rigward il-liċenzja tal-vettura u mhux il-liċenzja tas-sewwieq li kien qed isuq il-vettura**. L-akkuża li qiegħda tiġi

addebitata lill-akkużat odjern hija li huwa ma kellux liċenzja valida tas-sewqan u mhux li l-vettura li huwa kien qed isuq ma kinitx koperta b'liċenzja valida maħruġa mill-Awtorita kompetenti. Għalhekk żġur li l-fattispeċie ta' dan il-każ bl-ebda mod ma jistgħu jinkwadraw taħt ir-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 li dwaru tkellem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza suċitata. Għalhekk dan l-ewwel argument tad-difiża sejjer jiġi respint.

(b) Fit-tieni lok id-difiża targumenta li l-akkużat ma rċieva l-ebda ittra ta' tfakkira biex tindikalu li huwa kellu l-liċenzja tas-sewqan li kienet waslet biex tiskadilu. Mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 li tirregola l-liċenzji ta' sewqan ta' vetturi bil-mutur, ma jirriżulta minn imkien l-obbligu tal-Awtorita tat-Trasport li hija tinforma lid-detentur tal-liċenzja bil-fatt li l-liċenzja tiegħu kienet sejra tiskadilu. Għalhekk in-nuqqas o meno li tintbagħat din l-ittra ta' tfakkira bl-ebda mod m'hija sejra twassal biex tinnewtralizza r-responsabbilita kriminali għall-akkadut.

Di piu, mill-verżjoni mogħtija lill-Pulizija mill-akkużat jidher li din l-ittra ta' tfakkira effettivament kienet ħarġet. Infatti l-akkużat mela l-formola u ippreżenta ċ-ċertifikat mediku tat-tabib mal-istess formola u bagħathom bil-posta. Huwa stqarr pero li ma kien rċieva xejn lura. Għal xi raġuni jew oħra pero l-akkużat ma segwiex l-applikazzjoni tiegħu. Dan kien propju n-nuqqas da parti tal-akkużat: li huwa m'għamilx *follow-up*

wara li kien bagħat l-applikazzjoni ta' tiġdid. Huwa ħa azzjoni wara li ġie imħarrek. L-akkużat – anke mill-fatt li qabel din id-data huwa kellu liċenzji tas-sewqan validi kif anke jirriżulta mid-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Kenneth Pace – seta' faċilment jippresumi li huwa ried jirċievi l-liċenzja ġdida. Jekk din baqgħet ma intbagħtitx lilu, kien taħt l-obbligu li huwa jara għalfejn il-liċenzja ma kienx intbagħtet lilu u mhux jassumi li kollox kien in regola kif effettvament jidher li ġara u ma tax każ aktar sadakinhar li huwa twaqqaf mill-Pulizija.

Għalhekk mis-suespost huwa ċar li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi u għalhekk l-akkużat sejjer jinstab ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

Għar-rigward il-piena, tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fejn hawnhekk m'aħniex nitkellmu minn persuna li qatt ma kellha liċenzja tas-sewqan izda minn persuna li naqset li iġedded il-liċenzja tas-sewqan tagħha li kienet skadiet, il-Qorti temmen li għandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Għar-rigward is-sospensjoni tal-liċenzja din hija waħda tassattiva imposta mill-artikolu 15(3) tal-Kap. 65. Fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti sejra timponi biss l-minimu tal-iskwalifika stabbilit mil-liġi.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 qed issib lill-akkużat ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kif anke elaborati aktar 'l fuq f'din is-sentenza u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap. 446, il-Qorti qed tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett (3) xhur mil-lum.

A tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jinftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati illum.

Finalment il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint (8) ijiem mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**